

Brussell, 7 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0319(NLE)**

---

---

14964/23  
ADD 1 REV 1

**LIMITE**

**UK 218  
RECH 482  
ESPACE 79  
BUDGET 36**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni - Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

---

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jilqgħu l-fatt li ntlaħaq qbil fil-prinċipju dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-programmi Orizzont Ewropa<sup>1</sup> u Copernicus<sup>2</sup> mir-raba' sena tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 'il quddiem u jappoġġawh. Il-Kunsill u l-Kummissjoni japprezzaw il-benefiċċji reċiproċi għall-komunitajiet tar-riċerka u tal-ispazju fir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea li ser jirriżultaw minn din il-parteċipazzjoni u jistennew b'interess l-approfondiment tar-relazzjoni f'dawn l-oqsma ta' interess komuni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013; u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru wkoll li fiż-żmien meta d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni u l-Aċċess għas-Servizzi tal-Programm ġiet maqbula bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fiż-żmien tal-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (FKK) f'Diċembru 2020,<sup>3</sup> fil-prinċipju ntlaħaq qbil dwar abbozz ta' Protokoll I. F'dak l-abbozz tal-Protokoll kien previst li r-Renju Unit jipparteċipa f'żewġ miżuri oħra, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-EURATOM<sup>4</sup> u l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER<sup>5</sup>.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw b'dispjaċir li r-Renju Unit iddeċieda li ma jipparteċipax f'dawn iż-żewġ miżuri.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni li qed tiġi espressa f'din id-deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi programmi futuri taħt Qafas Finanzjarju Pluriennali sussegwenti, jekk ir-regoli applikabbli tal-UE jippermettu tali parteċipazzjoni, u l-Kunsill u l-Kummissjoni ser jikkunsidraw il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fi programmi futuri fid-dawl tar-rieda tiegħu li jipparteċipa fil-programmi previsti fid-Dikjarazzjoni Konġunta.

---

<sup>3</sup> Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-parteċipazzjoni fil-Programmi tal-Unjoni u l-aċċess għas-servizzi tal-programmi (ĠU L 444, 31.12.2020, p. 1479).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563.

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER ("F4E") u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi ("id-Deċiżjoni tal-Kunsill F4E").